MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 402/2002/1

**Scicluna Enterprises (Gozo) Limited**

**Vs**

**Enemalta Corporation**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fid-9 ta' April, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi fid-19 ta' Awissu, 1998, is-socjeta' attrici, *tramite* l-Inginiera *Galea & Curmi,* ghamlet applikazzjoni mal-Korporazzjoni konvenuta ghall-provvista ta' elettriku f'korp ta' bini *f'St. Simon Street, Xlendi, Ghawdex, di proprieta'* ta' l-istess socjeta' attrici, (Dok. "*PS1");*

Ippremettiet illi b'risposta ghal dik l-applikazzjoni, permezz ta' ittra datata 18 ta' Novembru 1998, (Dok. *"PS2")* il-Korporazzjoni konvenuta accettat u obbligat ruhha li tipprovdi s-servizz lilha mitlub verso l-konsiderazzjoni komplessiva ta' tlett elef disa' mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm3,925.00), liema konsiderazzjoni kellha tithallas mis-socjeta' attrici fi zmien tlett xhur mid-data ta' dik l-ittra, sabiex l-istess provvista setghet tigi moghtija mill-Korporazzjoni konvenuta;

Ippremettiet illi s-socjeta' attrici effettivament entro t-terminu ta' tlett xhur fuq imsemmi offriet lill-Korporazzjoni konvenuta il-pagament ta' l-imsemmi ammont ta' tlett elef disa' mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm3,925.00), liema pagament *pero*' gie rifjutat mill-istess Korporazzjoni konvenuta minghajr raguni valida fil-Ligi, li wkoll irrifjutat li tipprovdi s-servizz ta' l-elettriku fuq imsemmi;

Ippremettiet illi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha kollha fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta is-socjeta' attrici, permezz ta' Cedola ta' Depozitu Numru 156/99 (Dok. *"PS3"*), iddepozitat taht l-Awtorita' ta' din l-Qorti s-somma ta' tlett elef disa' mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm3,925.00), rapprezentanti l-konsiderazzjoni minnha dovuta lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex b'hekk il-Korporazzjoni konvenuta tkun tenuta tipprovi lis-socjeta' attrici bil-provvista ta' l-elettriku minnha rikjesta kif premess;

Ippremettiet illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu, 1999, (Dok. *"PS4")*, il-Korporazzjoni konvenuta informat lis-socjeta' attrici li s-servizz minnha precedentement mitlub permezz ta' l-applikazzjoni datata 19 ta' Awissu, 1998, seta' jigi provdut kemm il-darba l-istess socjeta' attrici thallas lill-Korporazzjoni konvenuta s-somma riveduta u awmentata ta' tmint elef disa' mija u wiehed Liri Maltin (Lm8,901.00);

Ippremettiet illi s-socjeta' attrici kkontestat l-ammont hekk rivedut u awmentat lilha mitlub mill-Korporazzjoni konvenuta;

Ippremettiet illi *nonostante* c-Cedola ta' Depozitu Numru 156/99, maghmula fis-17 ta' Frar, 1999, ix-xogholijiet rikjesti mis-socjeta' attrici kienu ghadhom ma gewx esegwiti mill-Korporazzjoni konvenuta almenu sas-26 ta' Frar, 2001, u issa s-socjeta' attrici kellha htiega urgenti li tinghata tali provvista ta' l-elettriku;

Ippremettiet illi ghalhekk proprio fis-26 ta' Frar, 2001, is-socjeta' attrici baghtet lill-Korporazzjoni konvenuta l-hlas ta' l-ammont ta' tmint elef disa' mija u wiehed Liri Maltin (Lm8,901.00), liema hlas sar permezz ta' ittra ta' l-istess data, (Dok. *"PS5"*), fejn *interalia* inghat u gie enfazizzat li tali pagament kien qieghed isir mis-socjeta' attrici minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha taghha fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta u in *oltre* irriservat id-dritt li tipprocedi kontra l-istess Korporazzjoni ghar-refuzjoni ta' l-ammont shih ta' tmint elef disa' mija u wiehed Liri Maltin (Lm8,901.00);

Ippremettiet illi ghalhekk l-imsemmi pagament ta' tmint elef disa' mija u wiehed Liri Maltin (Lm8,901.00), maghmul mis-socjeta' attrici jirraprezenta hlas ta' indebitu mill-istess socjeta' attrici lill-Korporazzjoni konvenuta, liema Korporazzjoni hi tenuta tirrifondi tali ammont lis-socjeta' attrici.

Talbet lill-Korporazzjoni konvenuta tghid ghar-ragunijiet premessi, occorrendo previa d-dikjarazzjoni li l-ammont realment dovut lilha mis-socjeta' attrici ghall-provvista tas-servizz ta' l-elettriku kif premess, huwa ta' Lm3,925.00, liema ammont thallas legittimament u validament mis-socjeta' attrici permezz tac-Cedola ta' Depozitu fuq identifikata, m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-pagament ulterjuri tas-somma ta' tmint elef disa' mija u wiehed Liri Maltin (Lm8,901.00) maghmul mis-socjeta' attrici lill-Korporazzjoni konvenuta jirrapprezenta hlas ta' indebitu mill-imsemmija socjeta' attrici lill-istess Korporazzjoni konvenuta;

2. Konsegwentement tikkundannaha tirrifondi ossia thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tmint elef disa' mija u wiehed Liri Maltin (Lm8,901.00).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Protest Giudizzjarju fl-ismijiet *Scicluna Enterprises (Gozo) Limited vs Il-Korporazzjoni Enemalta, Numru 918/99*, u bl-imghax legali dekoribbli mis-26 ta' Frar, 2001, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-Korporazzjoni konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lis-socjeta' attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

L-azzjoni attrici hija assolutament u kompletament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha, *stante* li l-ammont imhallas minnha kien fil-fatt dovut *ai termini* tal-ligi u tar-regolamenti vigenti fiz-zmien in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' korp ta' bini fi *Triq San Xmun, gewwa x-Xlendi, Ghawdex,* u fid-19 ta' Awissu, 1998, is-socjeta', tramite l-Inginiera *Galea & Curmi,* kitbet lill-Korporazzjoni konvenuta, taghta dettalji

tal-izvilupp li kienet qed taghmel fuq is-sit, u talbet indikazzjoni "o*n how to proceed on the matter"*, u *cioe'*, biex tinghata servizz ta' elettriku ghal kumpless li kien se jinbena fuq is-sit. B'ittra tat-18 ta' Novembru, 1998, il-Korporazzjoni konvenuta irrispondiet u qalet hekk:

*"1. With reference to your application for the extension of electricity supply to n/s St. Simon Street, Xlendi, you are hereby informed of the following costs which are due by you as per the Electricity Supply Regulations*. (L-ammont indikat kien ghal total ta' Lm3925);

*2. To enable this service to be carried out, you are kindly requested to call at this office to pay the required sum and sign the prescribed agreement;*
*…*

*5. You are kindly requested to note that unless the above stated sum is deposited within 3 months from the date of this letter, your requested application will be cancelled and you will have to apply again should you require the service in future".*

Sal-5 ta' Frar, 1999, is-socjeta' attrici ma kienetx ghada ghamlet id-depozitu ta' Lm3925 rikjest; f'dik il-gurnata, gew ippubblikati fil-Gazetta tal-Gvern (b'Avviz Legali numru 27 tal-1999) ir-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku. L-effetti ta' dawn ir-Regolamenti kien li jgholli sostanzjalment it-tariffi ghall-provvista ta' l-elettriku, fis-sens li l-*High Tension contribution* minn Lm13 per KVA saret Lm35 per KVA.

Fis-16 ta' Frar, 1999, is-socjeta' attrici marret biex thallas id-depozitu ta' Lm3925 kif kienet mitluba taghmel bl-ittra tat-18 ta' Novembru, 1998. Ghalkemm dan il-pagament gie offrut entro it-terminu ta' tlett xhur indikat fl-ittra tat-18 ta' Novembru, 1998, il-Korporazzjoni konvenuta ma accettatx il-hlas peress li insistiet illi la darba t-tariffi gew riveduti, l-hlas ghas-servizz mitlub kellu jkun ta' somma akbar skond it-tariffi l-godda. Is-socjeta attrici ma accettatx dan l-argument u fis-17 ta' Frar, 1999,

iddeposita s-somma ta’ Lm3925 fir-Registru ta’ din il-Qorti (permezz ta’ Cedola numru 156/1999) biex tigi liberament irtirata mill-Korporazzjoni konvenuta bhala hlas ghas-servizz rikjest.

Is-socjeta’ attrici baqghet, *pero’*, ma inghatatx is-servizz tal-elettriku mitlub. Peress li s-socjeta’ attrici kellha htiega urgenti li tinghata l-provvista tal-elettriku, b’ittra tas-26 ta’ Frar, 2001, halset is-somma riveduta ta’ Lm8,901 kif sussegwentement mitlub mill-Korporazzjoni konvenuta b’ittra tal-15 ta’ Marzu, 1999. Gie dikjarat b’mod car fl-ittra tas-socjeta’ attrici tas-26 ta’ Frar, 2001, li l-hlas kien qed isir *“minghajr pregjudizzju ghad-drittijiet kollha tal-klienti tieghi fil-konfront tal-Korporazzjoni tieghek”,* u dan peress li hi qieset li *“il-hlas dovut mill-klienti tieghi lil Korporazzjoni tieghek gie effettwat per saldo permezz tac-Cedola ta’ Depozitu fuq riferta u ebda ammont ulterjuri ma hu illum minnhom dovut”*. Dik l-ittra inkitbet mill-Avukat tas-socjeta’ attrici lic-*Chairman* tal-Korporazzjoni konvenuta.

Wara li sar dan il-pagament ta’ Lm8,901, gie iffirmat il-ftehim fit-28 ta’ Frar, 2001, li in forza tieghu l-Korporazzjoni *Enemalta* obbligat ruhha li tforni l-provvista ta’ l-elettriku ghas-sit in kwistjoni. Wara li fis-sit tas-socjeta’ attrici gie installat u spezzjonat is-sistema tal-elettriku, giet iffirmata l-applikazzjoni formali ghal provvista ta’ l-elettriku fit-2 ta’ Mejju, 2001, u ftit wara saret il-konnessjoni mehtiega tas-sistema tal-elettriku fis-sit mal-*mains* tal-Gvern.

Gie spjegat li biex issir applikazzjoni formali ghall-provvista tal-elettriku, is-sistema tal-elettriku fis-sit in kwistjoni ghandha tkun gia installata, u dana sabiex wara li ssir l-applikazzjoni, l-istess sistema tkun tista’ tigi spezzjonata u, jekk approvata, ikkonetjata mal-*mains* tal-Gvern. Qabel ma jitlesta x-xoghol ta’ bini fuq is-sit u l-istallazzjoni tas-sistema tal-elettriku, kull ma jista’ jsir hu request ghall-provvista li, a bazi taghha, isiru l-*costings* u, wara li jsir il-hlas mitlub, isir mill-Korporazzjoni x-xoghol preparatorju ghal estenzjoni ta’ l-elettriku sa hdejn is-sit. Meta s-sistema tal-elettriku tal-Gvern tkun diga’ waslet vicin is-sit in kwistjoni, il-procedura generalment tkun li

dak li jkun japplika formalment meta jlesti s-sistema tal-elettriku fis-sit; meta, min naha l-ohra, l-izvilupp ikun il-boghod mill-*main cables* tal-Gvern, dak li jkun jibghat *a written request* minn qabel, sabiex in segwitu jsir id-depozitu mitlub, halli sakemm jitlesta l-izvilupp, il-Korporazzjoni tniedi x-xoghol ghat-twassil tal-elettriku ghal vicin is-sit tal-izvilupp. B'din il-procedura jigi frankat hafna zmien, biex meta jitlesta l-izvilupp fuq is-sit, il-provista tal-elettriku tkun gia twaslet vicin is-sit, u kull ma jkun jonqos ikun il-*connection* tas-sistema tal-elettriku fis-sit mal-*mains* tal-Gvern. Il-kaz tas-socjeta' attrici, li kien jikkoncerna il-bini ta' *guesthouse* fix-*Xlendi*, tmexxa bit-tieni procedura hawn indikata.

F'dawn il-proceduri, s-socjeta' attrici qed titlob ir-rifusjoni tas-somma ta' Lm8,901 li hi hallset *"under protest"*, u dan peress li qed issostni li s-somma li kellha thallas ma kellux jaccedi s-somma ta' Lm3,925, liema ammont thallas minnha validament permezz tac-Cedola ta' Depozitu aktar qabel identifikata. Il-Korporazzjoni konvenuta ma taccettax dan l-argument ghax issostni li la darba l-hlas relattiv sar wara li nbidlu t-tariffi, l-ammont huwa f'kull kaz regolat bit-tariffi 'l godda, *cioe'*, dawk *in vigore* meta jsir il-hlas. L-argument tas-socjeta' attrici huwa bazat fuq ic-cirkustanza li l-ittra tal-Korporazzjoni konvenuta tat-18 ta' Novembru, 1998 (li fiha indikat l-ammont ta' depozitu fis-somma ta' Lm3,925) holqot fiha dritt kwezit li ma jistax jigi mibdul jew mcahhad b'dak li jista' jsehh sussegwentement.

Huwa fatt li fir-Regolamenti tal-1999 ma nsibu l-ebda dispozizzjoni dikjarattiva ta' l-espressjoni illi l-emendi kellhom jircievu applikabilta' b'mod retro-attiv. Huwa veru li jezistu okkazzjonijiet fejn il-legislatur iddikjara ligi b'effett retro-attiv; dan, *pero'*, mhux il-kaz hawnhekk billi dikjarazzjoni konsimili ma tezistix.

Huwa evidenti li l-materja in kwistjoni tinvolvi kwistjoni ta' dritt transitorju.

Fir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjalment komposta fit-

12 ta’ Mejju, 1950 fil-kawza fl-ismijiet <u>“Chev. Antonio Cassar Torreggiani nomine vs Nutar Dottor Vincenzo Gatt noe”</u> (Kollez **Vol XXXIV pl p148**) fejn gew zvolti l-principji tad-dritt transitorju f’kaz ta’ ligi gdida li thassar jew temenda ohra antecedenti.

Fiha ntqal bhala kumment generali illi *“meta gudikant jew interpreti jigi sabiex japplika l-ligi ghall-kaz prattiku l-ewwel tfittxija u ndagini li ghandha ssir minnhom hi dik li jaraw liema ligi ghandha tigi applikata; u din in-necessita’ tidher aktar cara specjalment meta ligi gdida tigi attivata u maghmula effikaci dwar materja li qabel jew ma tkunx regolata, jew li tkun regolata mil-ligi anterjuri. Dan aktar u aktar johrog car meta jigi konsiderat illi l-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkomincjament taghhom taht l-impenn ta’ ligi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruhhom taht il-ligi l-gdida”.*

B’mod specifiku fiha nghad ukoll, fuq l-awtorita’ ta’ bosta trattisti, illi jekk il-ligi anterjuri ma tkunx giet applikata, jew ma jkunx wasal iz-zmien ghall-applikazzjoni taghha, u fl-istess hin tkun harget ligi gdida li taffetta diversament u aktar gravement il-fatt li sar taht il-ligi precedenti, jekk ma jkunx hemm veru u proprju dritt kwezit fil-persuna effettwata, ghandha jkollha setgha l-ligi l-gdida.

Dawn il-principju gew recentement approvati u sostnuti minn din il-Qorti fil-kawza <u>“Fava vs Mamo noe”</u>, deciza fit-3 ta’ Ottubru, 2003.

Qabel ma jigi nvestigat il-kuncett ta’ dritt kwezit, tajjeb li titqieghed fl-lokha l-argument tal-Korporazzjoni konvenuta illi r-retro-attivita’ tar-regolamenti hi applikabbli ghal kaz in ezami in kwantu r-regolamenti in kwistjoni joltqu materja li hi ta’ ordni pubbliku.

Ghal din l-osservazzjoni twiegeb is-sentenza fl-ismijiet <u>“Edgar Baldacchino et vs Onor. Dr. Tommaso Caruana Demajo noe et”</u>, Appell Civili, 26 ta’ Frar, 1954 (**Kollezz Vol XXXVIII pl p61**) fejn irriteniet illi *“meta f’ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma*

*jkunx jimporta retroattivita', dik il-ligi m'ghandiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk din tkun materja ta' interess jew ordni pubbliku".*

Ghar-rigward ta' x'jitqies dritt kwezit, issir riferenza ghat-teorija tal-gurista Gabba, li t-trattat tieghu *"Della Retroattivita' delle Leggi"*, kien u ghadu jitqies bhala l-*locus classicus* fuq il-materja hawn investigata. Skond dan il-gurista:

*"E' acquistato ogni diritto che:*

*(a) e' conseguenza di un fatto idoneo a produrlo, in virtu' della legge del tempo in cui il fatto venne compiuto, benche' l'occasione di farlo valere non siasi presentata prima dell'attuazione di una legge nuova intorno al medesimo, e che*

*(b) a termine della legge sotto l'impero della quale accade il fatto da cui trae origine, entro' immediatamente a far parte del patrimonio di chi lo ha acquistato".*

Minn dan isegwi li biex dritt jista' jitqies kwezit hu mehtieg li dak id-dritt ikun jifforma parti mill-partimonju ta' dik il-persuna, u dik il-persuna tkun trid akkwistat l-effett vantaggjuz indikat bil-ligi, u dak id-dritt m'ghandux jirreferi ghal *"fundamental premises"* ghal esistenza ta' dak id-dritt. Biex fatt jista' jaghti dritt kwezit hu mehtieg li dak il-fatt kien *fait accompli.* Fatt li ma johloqx *fait accompli* jista' jaghti lok ghal *"expectation"*, izda mhux ghal dritt kwezit. Meta fatt ikun jehtieg diversi stadji ghal kostituzzjoni tieghu, jitqies, skond Gabba, li jezisti gia dritt kwezit meta jew dak li ghad irid isehh huwa inevitabbli u zgur jsir, jew meta dak li ghad irid isehh ghandu jitqies bhala semplici kontinwazzjoni ta' dak li hu gia *fait accompli.*

Applikati dawn il-principji ghal dan il-kaz, il-Qorti ma tarax li fil-kaz in ezami kien jezisti gia *fait accompli*. Meta gie biex jaghmel l-izvilupp in kwistjoni, is-socjeta' attrici kitbet lill-Korporazzjoni *Enemalta*, infurmata bil-htigijiet taghha, u staqsieta kif kellha tipprocedi. Il-Korporazzjoni rrispondiet

u infurmata x'ikun hemm bzonn biex l-izvilupp il-gdid jigi pprovdut bl-elettriku, u qaltilha li a bazi tal-kalkoli taghha u skond l-*Electricity Supply Regulations,* l-ispiza kienet titla' ghal Lm3,925; giet infurmata wkoll illi *"to enable this service to be carried out, you are kindly requested to call at this office* *<u>to pay the required sum and sign the prescribed agreement</u>"* (sottolinear tal-Qorti). Sakemm inbidlu r-rati tal-hlas, is-socjeta' attrici ma kienetx ghamlet il-hlas mitlub u l-kuntratt ma kienx gie iffirmat. Dik l-ittra tal-Korporazzjoni kienet tikontempla l-iffirmar ta' ftehim u ma kienetx hi stess ir-rabta. Dik l-ittra kienet taghti biss *"expectation"*, izda mhux dritt, ghax sakemm jigi ffirmat il-ftehim setghu jinbidlu diversi cirkustanzi, kif fil-fatt gara. Meta tnejn min nies jidhlu fi trattativi ghal ftehim li ghad irid jigi iffirmat, dak li jinghad waqt it-trattativi jkun bazat fuq ic-cirkustanzi vigenti f'dik l-epoka, *pero'*, jekk ic-cirkustanzi jinbidlu sa ma jigi ffirmat il-ftehim, dik il-persuna ma tkunx marbuta b'dak li gie diskuss qabel jew b'dak li jkun offra u li ma jkunx ghadu gie accettat. Offerta li ma tkunx giet accettata m'ghanda ebda effett guridiku. L-offerta kontemplata fl-ittra tat-18 ta' Novembru, 1998, kienet tikkontempla espressament l-iffirmar ta' ftehim, li ma giex iffirmat qabel il-bidla fic-cirkustanzi. Hija l-accettazzjoni tal-offerta li tohloq vinkolu komplut, izda, f'dan il-kaz, l-accettazzjoni ma saretx sakemm gew riveduti t-tariffi applikabbli.

Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza <u>"Accountant General vs Carmelo Penza noe"</u>, deciza fit-28 ta' Mejju, 2003,

*"jekk l-offerta kienet biss l-istadju inizzjattiv versu l-konkluzjoni tal-kuntratt, l-accettazzjoni ghandha b'necessita' titqies bhala adezjoni ghall-kontenut ta' l-offerta. Konsiderati flimkien – l-offerta u l-accettazzjoni – jikkostitwixxu n-negozju guridiku li hu l-bazi u sostrat tal-ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti l-karattru ta' negozju unilaterali, l-accettazzjoni taghha timmanifesta l-volonta' ta' l-accettant illi jghaqqad dan il-karattru unilaterali ta' l-offerent ma' dak unilaterali tieghu, qua accettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim".*

F'dan il-kaz, ma giex konkluz ftehim qabel il-bidla fir-rata tal-hlas. Lanqas ma jirrizulta li t-termini ta' dik l-offerta gew mibdula b'kapric b'*mala fide* (f'liema kaz, forsi, wiehed jista' jikontempla bazi ta' responsabilita' pre-kontratwali), ghax il-bidla sehhet b'rizultat ta' att amministrattiv, mahrug legalment mill-Gvern fil-kompiti amministrattivi tieghu.

Dak li kellu jsehh fil-futur, wara l-ittra tat-18 ta' Novembru, 1998, ma kienx inevitabbli jew kontinwazzjoni semplici, ghax fil-waqt li l-iffirmar tal-kuntratt kien previst li jsir, dan kien kondizzjonat ghal fatt li, fil-frattemp, ma jinbidlux ic-cirkustanzi. Kull min jaghmel offerta' hu prezunt li jkun qed jaghmel dik l-offerta a bazi tac-cirkustanzi prevalenti, u ghalkemm l-offerta taghti aspettativa ta' ftehim, dak il-ftehim ma jistax jitqies li hu *"inevitabbli"* li jsehh, ghax jiddependi mic-cirkustanzi u jekk dawn jinbidlux jew le.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Michael Zammit et vs Joseph Ellul Vincenti noe", moghtija fil-31 ta' Lulju, 1996, fejn intqal li bil-fatt li wiehed applika ghal licenzja u hallas u inghata ricevuta ghaliha, ma jfissirx li hu inghata l-licenzja u din dahlet fil-patrimonju tieghu; dak li kellu r-rikorrent f'dik il-kawza kien *"expectation"* li jinghata l-licenzja, li hi differenti mill-licenzja nfisha.

Il-klawsola numru 5 tal-ittra tat-18 ta' Novembru, 1998, ma tfissirx, fil-fehma tal-Qorti, li l-Korporazzjoni konvenuta kienet intrabtet li zomm dik l-offerta miftuha ghal tlett xhur, inatezz kull bdil fic-cirkustanzi. Dik il-klawsola tindika li jekk is-socjeta' attrici ma taghmilx id-depozitu fi zmien tlett xhur, l-applikazzjoni tigi kancellata u l-*file* maghluq. Fl-ittra ma jinghadx li t-termini tal-istima kienu se jorbtu lill-Korporazzjoni ghal tlett xhur, izda li l-*file* relattiv ta' dik it-talba kien se jinzamm miftuh ghal 3 xhur biss, b'mod li n-nuqqas ta' kuntatt f'dak iz-zmien kien ifisser l-gheluq tal-*file* u l-applikant kien ikollu japplika mill-gdid. Dan kien il-hsieb wara dik il-klawsola. Ir-riferenza ghal *"above stated sum"* hija ghall-istima mahruga a bazi tac-cirkustanzi allura prevalenti, liema stima kienet bazata fuq ir-Regolamenti tal-Provvista tal-Kurrent Elettriku kif

applikabbli. Bdil fir-Regolamenti qabel ir-rabta tal-kuntratt kellha tfisser bidla fir-rati, ghax dawk ir-rati kienu, fil-fatt, ibbazati fuq ir-Regolamenti applikabbli ghal kaz.

*Inoltre,* kieku sar hlas ta’ Lm3,925 qabel ma nbidlu r-Regolamenti, kien jigi ffirmat kuntratt simili ghal dak iffirmat bejn il-partijiet fit-28 ta’ Frar, 2001. F’dan il-kuntratt hemm klawsola li tghid li d-depozitu li jsir *“is only for his guidance and by no means binding on Enemalta”*. Dan jikkonferma li l-figura’ indikata preventivament mill-Korporazzjoni hija biss stima biex tkun isservi bhala depozitu qabel ma jinbeda x-xoghol ta’ estensjoni tas-sistema ta’ l-elettriku.

Fil-fehma tal-Qorti, l-ittra tal-Korporazzjoni konvenuta tal-18 ta’ Novembru, 1998, ma holqot ebda *fait accompli* favur is-socjeta’ attrici; m’hemmx indikat li l-istima kienet finali jew determinata ghal zmien 3 xhur, izda li l-applikazzjoni kienet se tinzamm pendenti ghal 3 xhur biss, b’mod li jekk is-somma indikata *“as per the Electricity Supply Regulations”* ma tigix depozitata, il-kaz kien jitqies maghluq. Il-klawsola 5 in kwistjoni, *inoltre,* mhiex redotta f’sens pozittiv, b’mod li tghid li jekk isir id-depozitu tal-ammont indikat, ma jkunx hemm lok ta’ hlas ulterjuri, izda f’sens negattiv, fis-sens li jekk ma jsirx id-depozitu, l-applikazzjoni tigi kancellata; *a contrario sensu,* din tfisser li jekk isir id-depozitu, l-applikazzjoni ma tigix kancellata, u mhux l-istess bhal li tghid li jekk isir id-depozitu, ir-rati ma jinbidlux.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li jghid il-gurista Ricci fit-trattat tieghu *“Corso Di Diritto Civile”* (Vol. VI pagna 26). Il-gurista jikontempla l-kaz fejn persuna jaghmel offerta u jiddikjara li se jzomm dik l-offerta miftuha ghal certu zmien; hu jikkonkludi li, *ciononostante,* dik il-persuna tista’ xorta wahda tirtira l-offerta qabel ma tigi accettata u qabel ma jiskadi t-terminu jekk il-parti l-ohra ma jindikax li hu se jaghti r-risposta tieghu fiz-zmien stabbilit. Il-bran rilevanti huwa s-segwenti:

*“Se l’offerente siasi impegnato a mantenere la sua offerta per un certo termine, puo’ esso ritirarla prima che sia*

*decorso il termine e prima che siasi accettata? Avvertasi che l'obbligo di mantenere un'offerta e il correlativo diritto di accettarla non possono aver vita se non in forza di una convenzione, costituita pur essa dall'incontro in idem placitum di due volonta'. Or se una convenzione vi e' stata, per effetto della quale l'offerente siasi obbligato a mantenere l'offerta entro un certo termine, non ha, certo, esso il potere di distruggerla, ed essendo tenuto a rispettarla, non puo' ritirare la sua proposta; ma se nessuna convenzione ha avuto luogo in proposito, l'offerta puo' essere validamente ritirata. Se io, poni caso, ti offra di venderti il mio fondo per mille, obbligandomi a mantenerti questa offerta per un mese, e tu consenti a farmi conoscere le tue intenzioni entro il prefisso termine: in tal caso si e' posta in essere una vera convenzione che mi obbliga a mantenere l'offerta per la durata del termine stabilito; ma se a questa mia offerta tu non hai ancor data risposta di sorta, non vi ha convenzione, ed io posso, prima che tu mi risponda, ritirarla".*

Il-principju hu li jekk l-proposta li l-offerta tinzamm miftuha ghal certu zmien ma tigix accettata, m'hemmx kuntratt u *kwindi*, l-offerta tista' tigi ritirata anke qabel iz-zmien indikat. Fi kliem iehor, it-*"thassir tal-proposta"* ma tkunx ta' xkiel ghall-perfezzjoni tal-kuntratt (ara artikolu 111(1) tal-Kodici tal-Kummerc) meta l-weghda li l-proposta tinzamm miftuha sa certu zmien, tkun giet, b'xi mod, accettata mill-parti l-ohra li jindika l-intenzjoni tieghu li jaghti risposta fiz-zmien indikat. Fin-nuqqas ma jkunx hemm konvenzjoni u l-proposta tkun tista' tigi irtirata. F'dan il-kaz, ma jidhirx li wara l-ittra tal-Korporazzjoni tat-18 ta' Novembru, 1998, kien hemm xi forma ta' komunikazzjoni da parti tas-socjeta' attrici, u *kwindi* ma jistax jinghad li nholoq *"ftehim"* li l-konvenut tal-ittra ma jinbidilx ghal zmien 3 xhur. *Kwindi, anke* taht dan l-aspett, it-tezi attrici ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet attrici. L-ispejjez tal-kawza, minhabba n-novilta' relattiva tal-kwistjoni, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------